# Fil-Qorti Tal-Magistrati (Malta)
# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' nhar l-Erbgha l-ewwel (1) ta' Gunju 2016

Libell Nru 15/13

**Federazzjoni Kaccaturi u Nassaba Konservazzjonisti (Malta)**
**u**
**Ghaqda Kaccaturi San Umbertu**

vs

**Edward Camilleri**
(ID 8570G)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi ippresentati permezz ta' kwerela datata 27 ta' Marzu 2013 da' parte tal-**Federazzjoni Kaccaturi u Nassaba Konservazzjonisti (Malta)** u **Ghaqda Kaccaturi San Umbertu** mahruga mill-Pulizija kontra Edward Camilleri, ta' 43 sena,bin Michael u Josephine xebba Buttigieg, imwieled ir-Rabat, Ghawdex nhar fit 8 ta' Marzu 1970, detentur tal-Karta ta' l-Identita' 8570G, fejn huwa gie akkuzat talli, fit 23 ta' Dicembru 2012, ghal habta tal-11.30am, f'dawn il-gzejjer,

- Bil-hsieb li jtellef je winaqqas il-gieh ta' xi hadd, u cioe' tal-membri tal-FKNK u tal-Ghaqda ta' San Ubertu, weggha bi kliem, b'gesti, kitba, b'disinnji jew b'xi mod iehor
- U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanza, tali ingurja saret bil-kitba, b'figuri jew b'dinsji imxandrin jew esposti fil-pubbliku
- U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanza, tsali reat sar permezz tal-pubblikazzjoni jew tqassim f'Malta ta' stampat, ikun x'ikun il-post li minnu jorigina dak l-istampat, jew bil-mezz ta' xi xandir;
- U aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkostanza, b'xi mezz ta' pubblikazzjoni jew tqassim f'Malta ta' stampat, jaghti malafama lil xi persuna u cioe' lil membri tal-FKNK u ta' l-Ghaqda ta' Sant Ubertu.

Rat il-kwerela mibghuta lill-Pulizjia fis-27 ta' Marzu 2013 li abbazi taghha nbdew il-proceduri odjerni.

Semghet ix-xhieda ta' **Lino Farrugia**, Chief Executive Officer tal- Federazzjoni Kaccaturi u Nassaba Konservazzjonisti (Malta) u **Joe Perici Calascione** President tal-Federazzjoni Kaccaturi u Nassaba Konservazzjonisti (Malta) moghtija fit-18 ta' Gunju 2014 flimkien ma' dokumentazzjoni minnhom esebiti.

Semghet ix-xhieda ta' **Mark Mifsud Bonnici**, President tal-Ghaqda Kaccaturi San Ubertu, moghtija fil 25 ta' Frar 2015.

Semghet ix-xhieda ta' **Matthew Xuereb**, journalist mal-gazzetta Times of Malta, moghtija fit 22 ta' April 2015, u rat id-dokumentazzjoni minnu mghoddija.

Rat illi fit 22 ta' April 2015 il-prosekuzzjoni iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.

Semghet ix-xhieda ta' l-akkuzat **Edward Camilleri**, moghtija fis 7 ta' Ottubru 2015, u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Edward Camilleri illi saret fit **13 ta' Jannar 2016**.

Rat illi fis 6 ta' April 2016 il-partijiet qablu illi l-provi kienu maghluqa u l-kawza setghet issir it-trattazzjoni finali.

Semghet it-trattazzjoni finali ta' l-abbli difensuri tal-partjiet, wara liema trattazzjoni, il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti quddiem dina l-Qorti u t-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet, illi lill-akkuzat, qed jigu lilu imputati erbgha akkuzi differenti, l-ewwel tnejn intavolati abbazi tal-Artikolu 252 (1) u 252 (3) tal-Kap 9 u t-tielet u raba akkuza abbazi tal-Artikolu 3 u 11 tal-Kap 248.

Jirrizulta illi l-kwerelanti, ossija il-Federazzjoni Kaccaturi u Nassaba Konservazzjonisti (Malta) u l-Ghaqda Kaccaturi San Umbertu, abbazi tal-Artikolu 2 tal-Kap 248, jistghu jitqiesu bhala "*persuni*" li, a tenur tal-Artikolu 31 (1) ta' l-istess Kap 248, ghandhom id-dritt illi jitolbu li jinbdew proceduri kriminali ghar-reat ikkontemplat fl-Art 11 ta' l-istess Kap 248.

Jirrizulta illi, abbazi tax-xhieda kollha migjuba quddiemha, l-kliem illi dwarhom l-kwerelanti hassuhom aggrvati, kienu kliem illi saru bi-kitba, u ghalhekk, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anton F. Attard**, deciza fl-10 ta' Lulju 2006 mill-Qorti tal-Appell Kriminali ippresjeduta mill-Prim Imhallef Vincent DeGaetano, fejn intqal:

*"Issa, din il-Qorti, minghajr ezitazzjoni, taqbel ma' l- appellant li ingurja*

*jew malafama permezz ta' stampat, bhalma huwa ktieb li jigi ppublikat, ma taqax u ma tistax tigi punita taht l-Artikolu 252(1) (jew addirittura taht l- Artikolu 252(3)) tal-Kodici Kriminali. L-Artikolu 256 huwa car fil-portata tieghu u dejjem gie interpretat mill- Qrati ta' Gustizzja Kriminali li, meta l-ingurja ssir bil- mezz ta' l-istampa (b'mod li l-ingurja jew il-malafama tkun allura tammonta ghal dak li komunement jissejjah libell), hi applikabbli il-Ligi dwar l-Istampa u huma applikabbli d-disposizzjonijiet tal-Kap. 248".*

Ghalhekk, l-ewwel zewgt akkuzi migjuba kontr l-akkuzat, la darba bbazati fuq l-Artikolu 252 (1) u (3) tal-Kap 9, ma humies ser jigu aktar ikkunsidrati minn dina l-Qorti.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mix-xhieda prodotta, illi l-kwerelanti qed jilmentaw dwar kumment illi allegatament ghamel l-akkuzat fuq is-sit elettroniku www.timesofmalta.com fuq ittra illi kien kiteb il-President ta' wahda mill-kwerelanti, ossija Mark Mifsud Bonnici bhala President tal-Ghaqda Kaccaturi San Ubertu, liema artikolu kien jismu "***Birdlife: more of the same***", u li deher fuq is-sit elettroniku fit-23 ta' Dicembru 2012.

Jirrizulta illi l-kwerelanti jallegaw illi l-akkuzat kiteb il-kumment illi huma hassew kien malafamanti fil-konfront taghhom fil 11.30 ta' filghodu.

Jirrizulta, madanakollu, illi la il-kwerelanti, u wisq anqas il-persuni responsabbli mis-sit elettroniku www.timesofmalta.com, ma esebew il-kumment illi dwaru l-kwerelanti kienu qed ihossuhom aggravati.

Jirrizulta illi, ghalkemm zewgt kopji tal-artikolu gew esebiti flimkien mal-kummenti kollha, kemm a fol 24 esebit mill-President tal-Federazzjoni Kaccaturi u Nassaba Konservazzjonisti, Lino Farrugia, kif ukoll a fol 47, esebit mill-gurnalist tat-Times of Malta, Matthew Xuereb, **imkien** ma jidher dana il-kumment illi allegatament ghamel l-intimat.

Jirrizulta biss illi r-rappresentant tat-Times of Malta esebixxa serje ta' kummenti, li fosthom hemm kumment li jghajjat l-isem ta' l-akkuzat, imma imkien ma hemm indikazzjoni dwar fejn sar tali kumment u meta u fi x'hin, bir-rizultat illi tali prova certament hija inkonklussiva ghal dak li jirrigwarda jekk l-akkuzat kitibx il-kummenti kif allegat mill-kwerelanti.

Jirrizulta illi l-intimat, fix-xhieda tieghu, jikkontendi illi, ghalkemm huwa attwalment kien ghamel kumment taht l-ittra miktuba minn Mark Mifsud Bonnici, il-kumment tieghu ma kienx dirett ghal dak illi kien attwalment inkiteb minn Mark Mifsud Bonnici, izda kien intiz biex jindirizza kumment illi kien sar minn terza persuna, ghal liema kumment huwa hass illi kellu jirrispondi.

**Ikkunsidrat**

Huwa principju kardinali fil-kamp kriminali illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat, huma veri.

Di fatti, kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale**:

> *"il cosi detto onero della prova, cioe il carico di fornire, spetta ai chi accusa onus probandi incumbit qui asserit."*

Dan il-principju gie wkoll sancit fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Michele Borg et**, deciza mil-Qorti ta' l- Appell Kriminali fit-13 ta' Mejju, 1936 fejn intqal:

> *"illi skond il-principju u s-sistema tal-ligi u procedura penali taghna imfassla fuq dak ta' l-Ingilterra u li huma strettament d'ordine pubblico; 'the accused is presumed innocent until proved guilty.' "*

Fil-kaz odjern, stante illi l-akkuzi jirrigwarda azzjoni illi allegatament saret bil-kitba, il-htiega ta' tali prova hija ferm aktar essenzjali, stante illi hija il-kitba illi allegatament ghamel l-akkuzat li hija l-ahjar prova li l-prosekuzzjoni tista ggib sabiex tipprova l-kaz taghha.

Huwa fatt ben stabbilit, illum il-gurnata, illi stqarrija moghtija minn persuna minghajr l-assistenza ta' Avukat ma titax titqies bhala prova kontra tieghu, u dana anke abbazi tas-sentenza 'Marco Borg' deciza mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, u ghalhekk kwalsiasi dikjarazzjoni illi seta ghamel l-akkuzat f'tali statement ma huwiex ser jitqies minn dina l-Qorti.

Jirrizulta, wkoll, illi l-akkuzat accetta illi huwa kiteb kumment taht l-artikolu intitolat 'Birdlife: more of the same?', izda huwa sahaq illi huwa kien ghamel tali kumment in reazzjoni ghal kumment iehor, liema kumment kien tali li wasslu jaghmel kumment in retaljazzjoni.

Madanakollu, dina l-Qorti la' ghandha l-kumment illi allegatament ghamel l-akkuzat u wisq anqas ma ghandha l-kumment illi ghalih allegatament huwa rrisponda.

Il-fatt illi l-kumment gie riprodott f'email mill-konsulent legali indirizzat mill-persuni responsabbli mis-sit www.timesofmalta.com, minnu nniffsu ma jista qatt jitqies bhala l-ahjar prova, tenut kont illi l-akkuza tibbaza ruhha fuq fatt skritt.

Lanqas id-dokument ippresentat mill-persuni responsabbli tas-sit elettroniku www.timesofmalta.com ma jista jitqies bhala l-ahjar prova, stante illi ma hemm ebda indikazzjoni ta' meta, fejn u fi x'hin sar l-allegat kumment illi hem riprodott.

Ghalhekk, il-Qorti tikkontendi li, fil-kaz odjern, il-prosekuzzjoni naqqset milli tipproduci l-ahjar prova fil-konfront ta' l-akkuzat u ghalhekk, in vista ta' tali nuqqas u, la darba l-akkuzi jirrigwardaw azzjoni illi allegatament l-akkuzat ghamel bil-kitba, l-akkuzi kif dedotti ma jistghux jirrizultaw ippruvati.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat u semghet il-provi kollha prodotti quddiemha

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tillibera** lill akkuzat mill-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu peress illi dawna ma gewx ippruvati kif trid il-Ligi.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur